MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 105/2003

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi fit-tnax (12) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002) il-konvenuti Francois u Antoine Saliba kkommettew serq ta' diversi hasafar u gabjetti li l-atturi kienu jzommu f'kamra fl-ghelieqi taghhom fl-Ghasri Ghawdex.

Illi l-konvenuti ammettew ir-responsabbilita ghal din is-serqa.

Illi l-valur t' dawn l-ghasafar kif stmat mill-espert mahtur mill-Qorti Kriminali huwa ta' elf mija u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm1144).

Illi minkejja diversi weghdiet da parti mill-konvenuti, huma ghadhom hallsu biss hamsin lira Maltija (Lm50) minn dan l-ammont u ghalhekk fadal li jhallsu elf mija u disgha u tletin lira Maltija (Lm1139).

Illi ghalkemm gew interpellati diversi drabi l-konvenuti baqghu ma hallsux il-bilanc dovut.

Ghaldaqstant l-attur qed jitlob il-hlas ta' dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax dovut, ta' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri u tas-sitt ittri interpellatorji tas-sitta (6) ta' Dicembru elfejn u tnejn (2002), il-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u tlieta (2003), l-erbaghtax (14) ta' Frar elfejn u tlieta (2003), it-tminja u ghoxrin (28) ta' Marzu elfejn u tlieta (2003), it-tnax (12) ta' Awissu elfejn u tlieta (2003), u s-sitta u ghixrin ta' Gunju elfejn u tlieta (2003), kif ukoll ta' l-ittra ufficjali pprezentata f'Mejju elfejn u tlieta (2003).

23/05/2003 – Lm 8.50"

Ra r-risposta li tghid hekk:

"It-talba tal-attur hija wahda esagerata ghall-ahhar stante li l-ammont ta' ghasafar li naqsu kien ferm inqas minn dak li qed jallega l-attur u l-valur taghhom huwa wiehed esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi mressqa mill-partijiet kontendenti.

Ikkunsidra

Illi skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Kumpilazzjoni numru 62/2002) fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Francois Saliba u Antoine Saliba* deciza fit-18 t'Ottubru 2004 (ara fol 133 sa 137 tal-process) dawn iz-zewgt ahwa instabu hatja li kkommettew serqa principalment ta' ghasafar u gabjetti proprjeta' tal-attur, fl-ammont li jeccedi l-elf lira.

L-artikolu 1033 tal-Kodici Civili jippreciza in linea generali illi "kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dnir impost mill-ligi, hu obbligat ghall-hsara li tigri minhabba f'hekk.

Bhala missier li mill-ligi ghandu affidat it-tutela u l-harsien ta’ ibnu minuri, “hu obbligat ghall-hsara li jaghmel il-minuri meta huwa ma jkunx ha l-sieb ta’ missier tajjeb tal-famija biex il-fatt ma jigrix” (Artikolu 1034 tal-Kodici Civili);

Kif akkolt minn kazistika pacifika din ix-xorta ta’ responsabilita’ hi dik civili indiretta “*che ha il suo fondamento nella ‘culpa in vigilando’ di coloro che hanno la cura del minore*” (“**William James Davies – vs- John McHallam**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 20 ta’ April 1925). “Il-missier allura ghandu kontra tieghu l-presunzjoni legali li hu responsabbli ghad-danni kagjonati minn ibnu minuri, sakemm huwa ma jipprovax sodisfacentament illi, bhala missier tajjeb tal-familja, huwa ha hsieb ibnu biex il-fatt dannuz ma jigix kommess” (“**Nicola Magro –vs- Geraldo Zammit *proprio et nomine***” , Prim’ Awla, Qorti Civili, 29 ta’ April 1960). “Din il-prova trid tkun sufficcjenti, u tali li twaqqa’ l-presunzjoni legali, b’mod li mhux bizzejjed li missier jipprova li, meta ibnu minuri ghamel il-kaz, u kkaguna d-dannu, hu kien okkupat fuq ix-xoghol.” (“**Joseph Zammit –vs- Joseph Cutajar et**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 19 ta’ Jannar 1956);

Dejjem in tema ghal dinil-materja jinsab akkolt illi anke f’kaz bhal dak hawn trattat, “hemm bzonn li jigi provat illi l-persuna prezunta responsabbli ghall-fatt ta’ haddiehor tat okkazjoni ghal dak il-fatt bi htija taghha proprju; ghax f’dan il-kaz si tratta ta’ kwazi-delitt fejn hi rikjesta l-htija tal-persuna responsabbli. Mhux necessarju li jkun hemm kwazi-delitt da parti ta’ l-awtur tal-fatt, ghax il-persuni dikjarati responsabbli mil-ligi huma tenuti mhux minhabba l-htija ta’ min ikommetta l-fatt, **imma minhabba l-htija taghhom proprja,** (sottolinear ta’ dan it-Tribunal) billi ma mpedewx il-fatt; u jirrispondu appuntu ghaliex ittraskuraw id-dover taghhom” – “**Pasquale Zerafa –vs – Carmelo Gauci**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 14 ta’ Dicembru 1955;

Kif ahjar precizat f’din l-ahhar citata sentenza riportata a **Vol. XXXIX P 11 p 799, “**ghaldaqstant, missier, biex jigi dikjarat responsabbli ta’ danni kommessi minn ibnu minuri. Hemm bzonn li jigi pruvay li l-minuri kkommetta l-

hsara, li l-minuri kien taht il-kura tieghu, u li l-missier ma uzax id-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja, anzi ommetta l-vigilanza necessarja fuq ibnu, biex jipprevjeni l-fatt ta' ibnu.";

Ghalhekk, meta minuri jikkommetti delitt, ikun responsabbli kemm huwa personalment (u ghal dan l-iskop jigu mharrkin il-genituri tieghu bhala legittimi rapprezentanti tieghu) kif ukoll il-genituri tieghu fil-kapacita' **personali** taghhom, bhala mixlija li naqsu li jkunu hadu hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix. Minhabba f'hekk ta' spiss il-genitur jew genituri jigu mharrkin kemm f'isimhom proprju kif ukoll bhala legittimi rapprezentanti ta' wliedhom , u jigu hekk ikkundannati mill-Qrati.[1]

Skond Artikolu 1035 it-tfal ta that id-9 snin u, meta ma jigix ippruvat li mxew b'hazen, it-tfal li ma jkunux ghalqu l-14 il-sena m'humiex obbligati jhallsu l-hsarat maghmulin minnhom, salv il-jedd tal-imgarrab li jagixxi kontra min jista' jkun responsabbli a tenur tal-artikolu 1034. Dan ifisser li fil-kaz ta' minorenni 'l fuq minn 14-il sena, bhalma huwa l-minorenni f'din il-kawza, dan huwa **dejjem** responsabbli ghall-hsarat li jaghmel, flimkien okkorrendo mal-genituri tieghu. Ghalhekk hemm zewg azzjonijiet li l-imgarrab jista' jiehu, wahda kontra l-minorenni (rapprezentat mill-genituri tieghu) skond l-artikolu 1035 u l-ohra kontra l-genituri nfushom, talli jkunu naqsu *in vigilando* a tenur tal-artikolu 1034.[2]

Fil-kaz quddiem dan it-Tribunal, il-genituri ma gewx imharrkin f'isimhom proprju imma bis bhala legittimi rapprezentanti ta' binhom minorenni li issa sar maggorenni u l-atti gew trasfuzi f'ismu. Ghalhekk l-ebda kundanna m'ghandu x'jaghmel dan it-Tribunal fil-konfront taghhom f'isimhom proprju.

---

[1] Ara per ezempju Jerome Pace vs Paul Muscat f'ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta' ibnu minuri Jason Muscat – 16.06.2003 – Prim'Awla, Onor. P. Sciberras.

[2] Ara l-argument fis-sentenza Carmela Baldacchino vs Emmanuele Callej- Prim'Awla, coram Imhallef T Gouder – 04.03.1948 Vol XXX.ii.212

Iz-zewg konvenuti huma passibbli ghad-danni in solidum, ghax meta zewg persuni jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghall-hlas ta’ dik il-hsara hija in solidum, skond kif preskritt fl-artikolu 1049 Kap 16.

Skond l-espert nominat mill-Qorti kriminali, il-valur tal-oggetti misruqa jammontaw ghas-somma ta’ Lm1144 (fol 40). Giet restitwita lill-attur is-somma ta’ Lm130 (ara s-sentenza tal-qorti ta’ gudikatura kriminali), kif ukoll sitt ghasafar li kienu jiswew, meta nsterqu, Lm100; 64 gabjetta li jiswew Lm1 l-wahda (ara rapport tal-espert a fol 39) – total Lm64; u tlett gageg tat-tharrik Lm5- ilwahda total Lm15; u l-konvenuti hallsu Lm50 – total globali Lm359. Ghalhekk mis-somma ta’ Lm1144 valur tal-oggetti derubati trid titnaqqas is-somma ta’ Lm309 valur komplessiv tal-oggetti restitwiti lill-attur u jibqa’ bilanc ta’ Lm785.

Ghaldaqstant it-Tribuanl jaqta’ u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, isib lill-konvenuti Francois Saliba u Antoine Saliba responsabbli solidalment ghad-danni sofferti mill-attur b’konsegwenza diretta tas-serqa li ghamlu flimkien u konsegwentement jilqa’ t-talba attrici fil-limitu li sejjer jinghad billi jikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom ghall-hlas tas-somma ta’ Lm785 bilanc mill-valur totali tal-oggetti minnhom derubati kif indikat fl-avviz tat-talba, bl-imghax legali mid-data ta’ din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tas-sitt ittri nterpellatorji u l-ittra ufficjali msemmija fl-avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------